



Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2016/2010(INI)

23.6.2016

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar ir-rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali
(2016/2010(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Georges Bach

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li f'dawn l-aħħar snin l-avvanzi teknoloġiċi u d-diġitalizzazzjoni ttrasformaw is-settur tas-servizzi postali u li l-modernizzazzjoni u d-diversifikazzjoni tas-servizzi postali kellhom impatt qawwi fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-impjeg fis-settur, b'mod partikolari f'żoni remoti, rurali u muntanjużi, u li l-impjiegi b'mod ġenerali naqsu f'dawn l-aħħar 20 sena b'medja ta' tnaqqis fl-impjiegi postali ta' 4.4 % bejn l-2012 u l-2013 fl-UE ta' 28 Stat;
2. Jinnota li l-volumi tal-ittri qed jonqsu fl-UE minħabba s-sostituzzjoni tal-posta stampata minn għodod diġitali, filwaqt li d-domanda fis-settur tal-konsenji rapidi dejjem qed tiżdied; jinnota li l-impjeg mill-fornituri tas-servizz universali naqas minħabba t-tnaqqis fil-volum tal-ittri, ikkombinat mal-modernizzazzjoni u ż-żieda fl-awtomazzjoni; jinnota li minħabba l-avvanzi teknoloġiċi li jippermettu liċ-ċittadini jkollhom aċċess għas-servizzi u l-komunikazzjonijiet mid-dar, l-għadd ta' uffiċċji postali, u konsegwentement l-għadd ta' impjegati f'dan is-settur naqas;
3. Ifakkar li l-provvista tas-servizzi postali hija essenzjali għall-iżvilupp reġjonali, il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali tal-UE u taqdi rwol partikolarment importanti f'żoni rurali u remoti, kif spjegat fl-Artikolu 3(2) u l-Premessi 19, 20 u 22 tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali; jinnota, għalhekk, li huwa essenzjali li jinżammu s-servizzi postali f'reġjuni remoti, rurali u muntanjużi sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn in-nies u biex tiġi ggarantita l-provvista ta' servizzi postali indispensabbli, inklużi l-punti ta' aċċess lokali; jistieden lill-Istati Membri, għalhekk, jevalwaw l-impatt tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali (97/67/KE kif emendata permezz tad-Direttiva 2008/6/KE) dwar iċ-ċittadini Ewropej, speċjalment dawk li jgħixu f'żoni remoti, rurali u muntanjużi, u biex jiżguraw li jkun garantiti servizzi universali mill-inqas ħamest ijiem fil-ġimgħa, kif previst fid-Direttiva 2008/6/KE; jistieden lill-Istati Membri jaċċeleraw l-iżvilupp tal-broadband f'żoni rurali, biex ikunu jistgħu jieħdu vantaġġ sħiħ mill-benefiċċji tas-suq uniku diġitali, b'mod partikolari l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, l-innovazzjoni u l-aċċess għal servizzi online ġodda, b'mod partikolari s-servizzi postali online, u biex jiżguraw il-kontinwazzjoni u t-tkabbir tas-servizzi fil-ġejjieni; ifakkar li l-ftuħ tas-suq sħiħ tas-settur postali ma għandux iwassal għal konċentrazzjoni ta' kumpaniji privati f'reġjuni ta' profitt akbar bħala żoni b'densità qawwija tal-popolazzjoni; jistieden lill-awtoritajiet responsabbli, għalhekk, janalizzaw u jevitaw il-konsegwenzi negattivi ta' attitudni fejn jagħżlu dak li jaqblilhom; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar il-fornituri ta' servizzi universali;
4. Jinnota li n-numru ta' ħaddiema part-time, ħaddiema temporanji u dawk li jaħdmu għal rashom fis-settur żdied u li x-xejra ġenerali hija lejn kuntratti tax-xogħol aktar flessibbli, li f'ċerti ċirkostanzi jistgħu joħlqu impjiegi prekarji, mingħajr ħarsien xieraq għall-impjegati; jilqa' l-iżvilupp ta' mudelli ġodda tal-ħin tax-xogħol li jippermettu lill-ħaddiema, pereżempju, itejbu l-bilanċ bejn il-ħajja tal-familja u l-ħajja tax-xogħol, biex ikopru taħriġ intern jew li jkollhom possibilitajiet ta' xogħol part-time; jinnota li kuntratti tal-impjeg flessibbli ġodda għandhom jeskludu riskji potenzjali bħala xogħol eċċessiv

għall-ħaddiema, jew livelli ta' paga li mhumiex proporzjonati mal-prestazzjoni; jenfasizza, għalhekk, minn naħa waħda l-ħtieġa ta' flessibilità fis-suq tax-xogħol u min-naħa l-oħra ta' sigurtà ekonomika u soċjali għall-ħaddiema; jenfasizza li t-tnaqqis fl-ispejjeż tax-xogħol billi jitnaqqsu l-kundizzjonijiet tax-xogħol ma għandux jittqies bħala flessibilità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jissorveljaw l-attivitajiet biex jindirizzaw l-impjieg indipendenti fittizju fis-settur postali; iħeġġeġ lill-Istati Membri, b'mod aktar ġenerali, jipprevjenu l-flessibilità tal-kuntratti tal-impjieg milli jkollhom impatt negattiv fuq il-ħaddiema;

5. Jinnota li f'xi Stati Membri l-liberalizzazzjoni tas-settur postali wasslet għal differenzi sostanzjali f'termini ta' kundizzjonijiet tax-xogħol u pagi bejn il-fornituri tas-servizz universali u kumpaniji li jikkompetu fil-forniment ta' servizzi postali speċifiċi; jenfasizza l-ħtieġa ta' impjieg aktar sostenibbli u ta' kwalità fis-settur;
6. Jilqa' r-rwol importanti tat-trade unions, li f'ħafna Stati Membri jaħdmu flimkien mal-fornituri ta' servizzi universali fi sforz biex jagħmlu t-trasformazzjoni fis-settur tas-servizzi postali soċjalment sostenibbli; jenfasizza l-importanza ta' sħab soċjali b'saħħithom u indipendenti fis-settur postali, djalogu soċjali istituzzjonalizzat u l-parteċipazzjoni tal-impjegati fil-kwistjonijiet tal-kumpanija;
7. Jiġbed l-attenzjoni lejn numru ta' każijiet ta' kompetizzjoni inġusta fis-settur postali; ifakkar li l-kompetizzjoni żleali¹ tista' tikkontribwixxi għad-degradazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol; jistieden lill-awtoritajiet responsabbli jissanzjonaw adegwament kwalunkwe mġiba ħażina f'dan ir-rigward;
8. Jenfasizza l-importanza tal-monitoraġġ tal-konformità mal-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ obligatorji, kif ukoll il-ħinijiet tax-xogħol fis-settur postali; jemmen li l-monitoraġġ għandu jsir permezz ta' tagħmir ta' kontroll diġitali installat fil-vetturi; ifakkar li r-Regolament (UE) Nru 165/2014 dwar it-takografi fit-trasport bit-triq ma japplikax għal vetturi ta' inqas minn 3.5 tonnelli; jitlob għalhekk li jkun hemm kontrolli ikbar fuq il-ħinijiet tax-xogħol u tal-mistrieħ; ifakkar li l-kompiti kollha relatati mal-attività ta' impjegat għandhom jittqiesu bħala ħin tax-xogħol; jenfasizza bl-istess mod l-importanza tal-monitoraġġ tal-konformità mal-leġiżlazzjoni Ewropea u nazzjonali fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-kundizzjonijiet fil-vetturi, għall-persuni kollha involuti fil-konsenja postali irrispettivament mill-istatus ta' impjieg tagħhom, kemm jekk jaħdmu għal rashom, subkuntratturi, membri tal-persunal temporanju jew ħaddiema bil-kuntratt;
9. Jemmen li għandu jintlaħaq bilanċ bejn il-kompetizzjoni ħielsa, l-esiġenzi tal-konsumatur, is-sostenibilità tas-servizz universali u l-finanzjament tiegħu, u ż-żamma tal-impjieg;
10. Jinsab imħasseb dwar it-tentattivi ta' evitar tar-regolamenti eżistenti dwar il-paga minima billi jiżded l-ammont ta' xogħol sal-punt li x-xogħol ma jkunx jista' jitwettaq matul is-siġhat tax-xogħol imħallsa;
11. Jinnota li impjegi ġodda jistgħu jinħolqu bħala riżultat tar-ristrutturazzjoni u l-introduzzjoni ta' attivitajiet ġodda bħal-loġistika, is-servizzi finanzjarji u t-telefonija fis-settur tas-servizzi postali; jiġbed l-attenzjoni lejn l-importanza tat-taħriġ, it-taħriġ ulterjuri

¹ COM (2015)0568, p. 6.

u t-taħriġ mill-ġdid sabiex il-ħaddiema jiġu meġhuna jiksbu ħiliet tax-xogħol tas-seklu 21 bħall-ħiliet diġitali, u jenfasizza r-rwol importanti tas-sħab soċjali f'dan il-kuntest; jinnota li s-suċċess tal-proġetti ta' diversifikazzjoni tas-servizzi postali fu'ħud mill-Istati Membri, inkluż biż-żieda ta' servizzi finanzjarji (pereżempju, banek ta' tfaddil postali), servizzi ta' gvern lokali, l-ġhoti ta' servizzi ta' posta diġitali u posta ibrida u l-konsenja ta' pakketti min-negozju għall-konsumatur evitaw telf kbir tal-impjeggi; iqis li huwa l-kompitu ta' min jimpjega li jiffamiljarizza lill-impjegati kif xieraq ma' teknoloġiji ġodda bħall-IT u l-applikazzjonijiet ta' traċċar; jenfasizza li f'każ ta' xogħol temporanju, l-aġenzija ta' reklutaġġ li tipprova l-persunal għandha ttejjihom u tħarriġhom b'mod xieraq;

12. Jenfasizza li l-programm ta' edukazzjoni vokazzjonali u ta' taħriġ Erasmus+ Leonardo da Vinci huwa għodda siewja għall-appoġġ tat-trasformazzjoni tas-servizzi postali; jinnota li l-ħaddiema anzjani jeħtieġu wkoll li jirċievu taħriġ mill-ġdid u taħriġ ulterjuri u li dan ukoll jista' jwassal għal stress;
13. Jenfasizza l-opportunitajiet li għandhom jinstabu għall-konsumaturi, l-SMEs u l-bejjieġha elettroniċi, kif ukoll is-settur postali nnifsu fis-suq tal-pakketti li qiegħed jikber, kemm fi ħdan l-Istati Membri kif ukoll bejniethom; jenfasizza, madankollu, li sabiex jibbenefikaw minn tkabbir f'dan il-qasam, is-servizzi, bħall-konsenja ta' pakketti transkonfinali għandhom ikunu bi prezz raġonevoli, aċċessibbli u disponibbli bi trasparenza fil-prezz u b'karatteristiċi ta' konsenja suffiċjenti bħal faċilitajiet ta' traċċar u interoperabilità tas-servizzi ta' konsenja;
14. Jilqa' l-ħidma essenzjali tal-Kumitat għad-Djalogu Soċjali fis-Settur tas-Servizzi Postali u jenfasizza l-proġett imniedi mis-sħab soċjali Ewropej intitolat "Managing demographic challenges and finding sustainable solutions by the social partners in the postal sector" ("Il-ġestjoni tal-isfidi demografiċi u s-sejbien ta' soluzzjonijiet sostenibbli mis-sħab soċjali fis-settur postali");
15. Jitlob lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiġbru aktar data dwar id-daqs tal-forza tax-xogħol u dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tas-servizzi postali, sabiex ikunu jistgħu jivvalutaw aħjar is-sitwazzjoni effettiva wara li l-ftuħ tas-swieq ikun ġie kkompletat u biex jirreaġixxu fil-pront għall-iżviluppi u jindirizzaw il-problemi potenzjali; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw mill-qrib mezz ġodda ta' konsenji postali awtomatiċi u l-impatt tagħhom fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-impjeg u jivvalutaw il-ħtieġa ta' modernizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni soċjali u tal-impjeggi, fejn xieraq, biex jibqgħu aġġornati mal-bidliet fis-settur postali; jinkoraġġixxi s-sħab soċjali biex bl-istess mod jaġġornaw il-ftehimiet kollettivi fejn meħtieġ, sabiex ikunu jistgħu jiġu żgurati standards tax-xogħol u ta' impjeg għolja fuq il-post tax-xogħol;
16. Jilqa' l-fatt li ċerti Stati Membri japplikaw l-Artikolu 9(2), it-tieni subparagrafu, il-ħames inċiż tad-Direttiva 97/67/KE, u jistieden lill-Istati Membri kollha jqisu l-kundizzjonijiet tax-xogħol bħala kriterju fil-proċeduri ta' liċenzjar u ta' approvazzjoni;
17. Jenfasizza l-benefiċċji ta' impjeggi ta' kwalità u sostenibbli fis-servizzi postali u ta' konsenja, fosthom il-forniment ta' standards għoljin u konsistenti ta' servizz għall-konsumaturi;
18. Jilqa' l-fatt li l-parti l-kbira tal-fornituri tas-servizzi universali fl-Istati Membri kkonkludew ftehimiet kollettivi, u jfakkar fir-rwol essenzjali tagħhom; iħeġġeġ lis-sħab

soċjali jinnegozjaw ftehimiet kollettivi għas-servizzi postali kollha f'konformità mal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali, peress li huma strument effettiv fil-ġlieda kontra tellieqa sal-qiegħ rigward l-istandards soċjali, tax-xogħol u l-impjieg u biex tiġi żgurata rimunerazzjoni diċenti għall-ħaddiema kollha u kompetizzjoni ġusta fost il-fornituri tas-servizzi postali;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex meta jfasslu regolamenti ġodda li jirrelataw mas-suq tas-servizzi postali, u b'mod partikolari li jirrelataw mal-proċess tal-ħolqien tas-Suq Uniku Diġitali, iqisu l-importanza strateġika tal-operaturi postali pubbliċi li jipprovdu servizz universali u l-ħtieġa li jiżguraw standards għoljin ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema fis-settur tas-servizzi postali;
20. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu lill-ħaddiema kollha fis-settur tas-servizzi postali kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, inkluż il-livell meħtieġ ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, irrispettivament mid-daqs u t-tip ta' kumpanija li timpjegahom, il-post tax-xogħol jew il-kuntratt sottostanti; jenfasizza l-importanza tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari fid-dawl tat-tibdil demografiku u l-livell għoli ta' mobilità tal-ħaddiema fis-settur postali; jilqa' l-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) u s-sħab soċjali fis-settur postali dwar il-kampanja "Healthy Workplaces Manage Stress" ("Postijiet tax-Xogħol li jgħibu 'l quddiem is-Saħħa jimmaniġġaw l-Istress")

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	21.6.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 40 -: 6 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Tiziana Beghin, Brando Benifei, Mara Bizzotto, Vilija Blinkevičiūtė, Enrique Calvet Chambon, David Casa, Ole Christensen, Lampros Fountoulis, Elena Gentile, Arne Gericke, Marian Harkin, Czesław Hoc, Danuta Jazłowiecka, Jan Keller, Ádám Kósa, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Jérôme Lavrilleux, Jeroen Lenaers, Javi López, Morten Løkkegaard, Thomas Mann, Dominique Martin, Emilian Pavel, Georgi Pirinski, Marek Plura, Terry Reintke, Sofia Ribeiro, Claude Rolin, Anne Sander, Sven Schulze, Romana Tomc, Yana Toom, Marita Ulvskog, Renate Weber, Tatjana Ždanoka
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Daniela Aiuto, Georges Bach, Lynn Boylan, Paloma López Bermejo, Edouard Martin, Joachim Schuster, Csaba Sógor, Neoklis Sylikiotis, Flavio Zanonato, Gabriele Zimmer
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Paul Tang